SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla)

26 ta' Lulju 2017 * [i]

[Test emendat permezz ta' digriet tal-14 ta' Settembru 2017]

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet – Regolament (KE) Nru 882/2004 – Kontrolli uffiċjali tal-għalf għall-annimali u tal-prodotti tal-ikel – Finanzjament tal-kontrolli uffiċjali – Artikolu 26 u 27 – Tassazzjoni ġenerali – Tariffi jew taxxi – Taxxa fuq l-istabbilimenti tal-kummerċ tal-ikel"

Fil-Kawża C-519/16,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mit-Tribunal Administrativo e Fiscal de Coimbra (qorti amministrattiva u fiskali ta' Coimbra, il-Portugall), permezz ta' deċiżjoni tal-5 ta' Settembru 2016, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fil-5 ta' Ottubru 2016, fil-proċedura

Superfoz - Supermercados Lda

vs

Fazenda Pública

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Id-Disa' Awla),

komposta minn E. Juhász, President tal-Awla, C. Vajda u K. Jürimäe (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Bobek,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal Superfoz - Supermercados Lda, minn R. China Carvalheira, avukat,

– [Kif emendat bid-digriet tal-14 ta' Settembru 2017] għall-Gvern Portugiż, minn L. Inez Fernandes u M. Figueiredo kif ukoll minn A. Guerreiro, bħala aġenti,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn P. Němečková, M. Afonso u K. Skelly, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: il-Portugiż.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 26 u 27 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3,Vol. 45, p. 200, u rettifika ĠU 2004, L 191, p. 1), kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Mejju 2014 (ĠU 2014, L 189, p. 1) (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 882/2004"), kif ukoll tal-Artikoli 107 u 108 TFUE u tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' nondiskriminazzjoni, ta' kompetizzjoni libera, u tal-libertà ta' intrapriża.

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn Superfoz – Supermercados Lda (iktar 'il quddiem "Superfoz") u il-Fazenda Pública (teżor pubbliku, il-Portugall) dwar il-ħlas ta' taxxa intiża sabiex tiffinanzja l-ispejjeż marbuta mal-eżekuzzjoni ta' kontrolli uffiċjali fil-qasam tas-sigurtà tal-prodotti tal-ikel, tal-protezzjoni tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Regolament (KE) Nru 178/2002

3 Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 178/2002, tat-28 ta' Jannar 2002, li jistabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà tal-ikel (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 6, p. 463) kif emendat bir-Regolament Nru 652/2014 (iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 178/2002"), jinkludi d-dispożizzjonijiet bażiċi li jippermettu li jiġi żgurat, fir-rigward tal-prodotti tal-ikel, livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-persuni u tal-interessi tal-konsumaturi, b'mod partikolari meta wieħed jieħu inkunsiderazzjoni d-diversità tal-provvista tal-ikel.

4 Kif jirriżulta mill-Artikolu 1(1) tiegħu, l-għan ta' dan ir-regolament huwa li jistabbilixxi l-prinċipji u r-responsabbiltajiet komuni, il-mezzi ta' provvista ta' bażi xjentifika soda, arranġamenti effiċjenti ta' organizzazzjoni u proċeduri biex isostnu t-teħid ta' deċiżjonijiet fil-qasam tas-sigurtà tal-prodotti tal-ikel u l-għalf tal-annimali.

Ir-Regolament Nru 882/2004

5 Il-premessi 11 u 32 tar-Regolament Nru 882/2004 jiddikjaraw:

"(11) L-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali għandhom jilħqu numru ta' kriterji ta' operazzjoni sabiex jiżguraw l-imparzjalità u l-effettività tagħhom. Huma għandhom ikollhom numru suffiċjenti ta' impjegati kwalifikati kif imiss u ta' esperjenza li jkollhom faċilitajiet adegwati u tagħmir biex iwettqu kif imiss id-dmirijiet tagħhom.

[…]

(32) Għandhom ikunu disponibbli riżorsi finanzjarji adegwati biex jiġu organizzati kontrolli uffiċjali. Għalhekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jimponu l-ħlasijiet jew piżijiet biex ikopru l-ispejjeż magħmula minħabba l-kontrolli uffiċjali. Fil-proċess, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom ikunu ħielsa li jistabbilixxu l-ħlasijiet u l-piżijiet bħala ammonti f'rata fissa bbażati fuq in-nefqiet magħmula u waqt li jingħata kont tas-sitwazzjoni speċifikat tal-istabbilimenti. […]"

6 L-Artikolu 1 ta' din id-direttiva, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni", jipprevedi fil-paragrafi 1 u 4 tiegħu:

"1. Dan ir-Regolament jippreskrivi r-regoli ġenerali għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali għall-verifika tal-konformità ma' regoli jimmira b'mod partikolari, li:

a) jipprevjeni, jelimina jew inaqqas għal livelli aċċettabli riskji għall-bnedmin u l-annimali, jew direttament, jew permezz tal-ambjent;

u

b) jiggarantixxi prattiċi ġusti fil-kummerċ ta' l-għalf u l-ikel u jipproteġi l-interessi tal-konsumatur, inkluż it-tokkettjar ta' għalf u ikel u forom oħra ta' informazzjoni lill-konsumatur.

[…]

4. It-twettieq ta' kontrolli uffiċjali skond dan ir-Regolament għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja legali ta' operaturi fin-negozju ta' l-għalf u l-ikel biex jiżguraw is-sigurezza ta' l-għalf u l-ikel, kif preskritt fir-[Regolament Nru 178/2002], u xi responsabbiltà ċivili jew kriminali li tirriżulta minn ksur ta' l-obbligi tagħhom."

7 Il-punt 1 tal-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 882/2004 jiddefinixxi "kontroll uffiċjali" bħala "kull forma ta' kontroll li l-awtorità kompetenti jew il-Komunità twettaq għall-verifikazzjoni tal-konformità tal-liġi dwar l-għalf u l-ikel is-saħħa ta' l-annimali u r-regoli dwar il-welfare ta' l-annimali".

8 L-Artikolu 3 tal-istess regolament intitolat "Obbligi ġenerali fir-rigward ta' l-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali". Il-paragrafu 3 ta' dan l-artikolu jipprevedi:

"Il-kontrolli uffiċjali għandhom jitwettqu f'xi wieħed mill-istadji ta' produzzjoni, proċessar jew distribuzzjoni ta' għalf jew ikel u ta' annimali u prodotti mill-annimali. Dawn għandhom jinkludu kontrolli fuq negozji ta' għalf u ikel, fuq l-użu ta' għalf u ikel, fuq il-ħażna ta' għalf u ikel, fuq kull proċess, materjal, sustanza, attività jew operazzjoni inkluż trasport applikat għall-għalf jew l-ikel u fuq annimali ħajjin, meħtieġa biex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-regolament."

9 Ir-Regolament Nru 882/2004 jinkludi Kapitolu VI, intitolat "Iffinanzjar ta' kontrolli uffiċjali" li fih jinsabu b'mod partikolari l-Artikoli 26 u 27 ta' dan ir-regolament. L-Artikolu 26 tal-imsemmi regolament, intitolat "Prinċipju ġenerali", jiddikjara:

"L-Istati Membri għandhom jiżguraw li riżorsi finanzjarji adegwati jkunu disponibbli biex jipprovdu għall-impjegati meħtieġa u riżorsi oħra għall-kontrolli uffiċjali b'kull mezz ikun x'ikun kunsidrat xieraq, inkluż permezz ta' tassazzjoni ġenerali jew billi jiġu stabbiliti tariffi u piżijiet."

10 L-Artikolu 27 tal-istess regolament, intitolat "Tariffi jew piżijiet", jipprevedi, fil-paragrafi (1) sa (4) u (10) tiegħu:

"1. L-Istati Membri jistgħu jiġbru tariffi jew piżijiet biex ikopru l-ispejjeż li jirriżultaw mill-kontrolli uffiċjali.

2. Iżda, fir-rigward ta' l-attivitajiet imsemmija fl-Anness IV, taqsima A, u l-Anness V, taqsima A, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-ġbir ta' tariffa.

3. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 4 u 6, it-tariffi miġbura fir-rigward ta' l-attivitajiet speċifiċi msemmija fl-Anness IV, taqsima A, u l-Anness V, taqsima A, għandhom ikunu aktar baxxi mir-rati minimi speċifikati fl-Anness IV, taqsima B, u l-Anness V, taqsima B. […]

[…]

4. It-tariffi miġbura għall-għanijiet ta' kontrolli uffiċjali skont il-paragrafu 1 jew 2:

a) m'għandhomx ikunu għola mill-ispejjeż magħmula mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli b'relazzjoni mal-partiti elenkati fl-Anness VI;

u

b) jistgħu jiġu ffisati f'rata fissa fuq il-bażi ta' l-ispejjeż magħmula mill-awtoritajiet kompetenti fuq perjodu ta' żmien partikolari jew, fejn japplika, fl-ammonti ffissati fl-Anness IV, tasima B jew fl-Anness V, taqsima B.

[…]

10. Mingħajr preġudizzju għall-nefqiet li jirriżultaw mill-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 28, l-Istati Membri m'għandhomx jiġbru xi tariffi oħra minbarra dawk imsemmija f'dan l-Artikolu għall-implimentazzjoni ta' dan ir-regolament."

Id-dritt Portugiż

11 It-taxxa fuq is-sigurtà tal-prodotti tal-ikel (iktar 'il quddiem it-"TSAM") ġiet stabbilita permezz ta' Digriet-Liġi Nru 119/2012, tal-15 ta' Ġunju 2012.

12 Il-preambolu tad-Digriet-Liġi jindika li l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni tistabbilixxi l-"obbligu ta' finanzjament tal-ispejjeż dwar l-eżekuzzjoni ta' kontrolli uffiċjali mill-Istati Membri u tagħt[i] lil dawn tal-aħħar il-possibbiltà li jiksbu mezzi finanzjarji adegwati għat-tassazzjoni ġenerali jew għall-istabbiliment ta' tariffi u taxxi speċjali sabiex jitħallsu mill-operaturi" u li, "[b]l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli, taxxi differenti intiżi sabiex jappoġġjaw finanzjarjament l-atti ta' verifikazzjoni u ta' kontroll kienu diġà ġew stabbiliti, li għandhom bħala riferiment l-ispejjeż u l-infiq rigward il-persunal, jiġifieri, ir-remunerazzjonijiet, l-installazzjonijiet, l-istrumenti, it-tagħmir, it-taħriġ, il-missjonijiet u l-ispejjeż relatati, inklużi dawk relatati mat-teħid u t-trażmissjoni ta' kampjuni u mal-analiżi fil-laboratorju."

13 L-Artikolu 9 tad-Digriet-Liġi jipprevedi:

"1. – Bħala korrispettiv tal-garanzija tas-sigurtà tal-prodotti tal-ikel u l-kwalità tal-ikel, l-istabbilimenti tal-kummerċ tal-ikel u tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali u veġetali, friski jew iffriżati, ipproċessati jew mhux ipproċessati, bl-ingrossa jew ippakkjati, huma suġġetti għal taxxa annwali fejn l-ammont huwa stabbilit bejn EUR 5 u 8 għal kull metru kwadru tas-superfiċji ta' bejgħ tal-istabbiliment b'ordni tal-membri tal-gvern responsabbli mill-qasam tal-finanzi u tal-agrikoltura.

2. – Huma eżentati mill-ħlas tat-taxxa prevista fil-paragrafu preċedenti l-istabbilimenti b'superfiċji ta' bejgħ ta' inqas minn 2000 m^2 appartenenti lill-mikroimpriżi bil-kundizzjoni li: a) li ma jappartjenux għal impriża li topera taħt isem jew numru ta' ismijiet u li għandhom, fuq livell nazzjonali, superfiċji ta' bejgħ akkumulat ugwali jew ogħla minn 6000 m^2, b) ma humiex integrati fi grupp li għandu fuq livell nazzjonali, superfiċji ta' bejgħ akkumulat ugwali jew ogħla minn 6000 m^2.

3. – Għall-finijiet ta' din il-leġiżlazzjoni, wieħed jifhem bi 'stabbiliment tal-kummerċ' il-post li fih tiġi eżerċitata l-attività tal-kummerċ tal-ikel bl-imnut, inkluż l-istabbilimenti tal-kummerċ imħallta kif iddefiniti fl-Artikolu 4(1) tad-Digriet-Liġi Nru 21/2009, tad-19 ta' Jannar [2009]."

14 L-Ordni Nru 215/2012, tas-17 ta' Lulju 2012, tirregola it-TSAM. L-Artikolu 3(3)(b), ta' din l-ordni jipprevedi li l-eżenzjonijiet mill-ħlas ta' din it-taxxa previsti mid-dritt nazzjonali ma humiex applikabbli għall-istabbilimenti li "huma integrati fi grupp li għandu fuq livell nazzjonali, superfiċji ta' bejgħ akkumulat ugwali jew ogħla minn 6000 m^2". L-Artikolu 3(5) tal-imsemmija ordni jispeċifika li, "għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-paragrafu 3(b), 'grupp' huwa għadd ta' impriżi li, għalkemm legalment distinti, iżommu bejniethom rabtiet ta' interdipendenza jew ta' subordinazzjoni li toriġina mill-użu tal-istess isem, jew ta' drittijiet jew ta' setgħat, konformement mal-Artikolu 4(1) tad-Digriet-Liġi Nru 21/2009, tad-19 ta' Jannar [2009]."

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

15 Superfoz hija kumpannija li l-attività tagħha tikkonsisti fl-operazzjoni kummerċjali ta' supermarkets, fid-distribuzzjoni tal-prodotti tal-ikel u mhux tal-ikel, kif ukoll fl-operazzjoni ta' stazzjonijiet ta' servizz u fil-ġestjoni ta' ċentri kummerċjali.

16 Superfoz tuża l-isem "Intermarché". Madankollu, id-deċiżjoni tar-rinviju tispeċifika li din il-kumpannija hija persuna morali distinta, minn naħa, mill-franchisor tagħha ITMI Portugal – Sociedade de Desenvolvimento e Investimento SA u, min-naħa l-oħra, minn impriżi oħra franchised minn din tal-aħħar u li jużaw l-istess isem. Huwa wkoll imsemmi li dan il-franchisor ma jipparteċipax fil-kapital soċjali ta' Superfoz li jagħtiha setgħa ta' ġestjoni, ta' mmaniġġjar jew ta' amministrazzjoni fuqha.

17 Permezz ta' ittra tal-1 ta' Lulju 2014, id-Direção Geral de Alimentação e Veterinária (direzzjoni ġenerali tal-ikel u veterinarja, il-Portugall) informat lil Superfoz li hija kienet persuna taxxabbli taħt it-TSAM, għas-sena 2014 fl-ammont ta' EUR 10274.25. Din id-direzzjoni speċifikat li, konformement mad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali, din is-somma rriżultat mill-applikazzjoni tat-taxxa, fejn l-ammont ġie stabbilit għal EUR 7 għal kull metru kwadru, fuq is-superfiċji tal-bejgħ tal-istabbiliment miżmum minn Superfoz, jiġifieri 1467.75 metri kwadri.

18 Superfoz tikkontesta, quddiem il-qorti tar-rinviju, il-legalità tal-opinjonijiet li wasslu għall-impożizzjoni fuqha tat-TSAM.

19 Fir-rigward tat-TSAM, din il-qorti tirrileva li din it-taxxa hija parti minn politika ta' protezzjoni tal-katina tal-ikel u tas-saħħa tal-konsumaturi, ibbażata fuq il-prinċipju tar-responsabilizzazzjoni tal-aġenti ekonomiċi li jintervjenu fil-qasam tas-sigurtà tal-prodotti tal-ikel u l-kwalità tal-ikel. L-imsemmija taxxa hija intiża sabiex tiffinanzja l-fondi tas-saħħa u s-sigurtà tal-prodotti tal-ikel "Mais" (Fundo Sanitário e de Segurança Alimentar Mais), stabbilita permezz ta' Digriet-Liġi Nru 119/2012. Dawn il-fondi ma jkollhom ebda kompetenza sabiex iwettqu kontrolli minbarra dawk previsti bir-Regolament Nru 882/2004.

20 Barra minn hekk, hija tindika li t-TSAM hija taxxa annwali li tikkostitwixxi l-korrispettiv tal-garanzija tas-sigurtà u l-kwalità tal-ikel. Il-proprjetarji tal-istabbilimenti tal-kummerċ tal-prodotti tal-ikel li ġejjin mill-annimali u mill-pjanti il-persuni taxxabbli li huma għandhom iħallsu din it-taxxa jekk din tal-aħħar tkun ikkalkolata permezz tal-applikazzjoni ta' ammont unitarju stabbilit bejn EUR 5 u 8 għal kull metru kwadru tas-superfiċji ta' bejgħ tal-istabbiliment.

21 Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li d-dritt nazzjonali madankollu jipprevedi deroga mill-ħlas tal-imsemmija taxxa għall-istabbilimenti b'superfiċji ta' bejgħ ta' inqas minn 2000 metri kwadri jew appartenenti lill-mikroimpriżi bil-kundizzjoni li dawn l-istabbilimenti li ma jappartjenux għal impriża li topera taħt isem jew numru ta' ismijiet u li għandhom, fuq livell nazzjonali, superfiċji ta' bejgħ akkumulat ugwali

jew ogħla minn 6000 metru kwadru jew li ma humiex integrati fi grupp li għandu fuq livell nazzjonali, superfiċji ta' bejgħ akkumulat ugwali jew ogħla minn 6000 metru kwadru. It-Tribunal Constitucional (qorti kostituzzjonali, il-Portugall) iddeċidiet, f'dan ir-rigward, li din id-deroga ma kinitx kuntrarju għall-kunċett kostituzzjonali ta' ugwaljanza.

22 Il-qorti tar-rinviju tistaqsi fuq il-konformità tat-TSAM mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 882/2004 kif ukoll mal-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni u, b'mod partikolari, mal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' nondiskriminazzjoni u tal-kompetizzjoni libera.

23 Fl-ewwel lok, din il-qorti tistaqsi jekk din it-taxxa hijiex konformi mal-Artikolu 27(10) tar-Regolament Nru 882/2004, sa fejn, minn naħa, l-ispejjeż marbuta mal-kontrolli previsti minn dan ir-regolament huma koperti minn taxxi oħra u, min-naħa l-oħra, it-TSAM tikkonċerna biss l-istabbilimenti tal-kummerċ tal-ikel li fuqhom huma imposti r-responsabbiltajiet u d-dmirijiet previsti mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 178/2002 u tar-Regolament Nru 882/2004.

24 Fit-tieni lok, l-imsemmija qorti għandha dubji kemm dwar il-kompatibbiltà tat-TSAM mal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament peress li din it-taxxa hija imposta biss fuq ċerti stabbilimenti tal-kummerċ tal-ikel.

25 Fit-tielet lok, l-istess qorti tqis li l-prinċipju ta' ekwivalenza previst fir-Regolament Nru 882/2004 jeżiġi li taxxa, bħal ma hija t-TSAM, hija intiża għall-finanzjament ta' prestazzjoni amministrattiva fejn il-persuna taxxabbli hija l-kawża diretta jew il-benefiċjarju, li ma huwiex il-każ fir-rigward tat-TSAM. Fil-fatt, l-avveniment li wassal għal din tal-aħħar kien marbut mal-fatt li jinżammu stabbilimenti tal-kummerċ tal-ikel mhux eżentati.

26 Fir-raba' lok, il-qorti tar-rinviju għandha dubji dwar il-kwistjoni jekk it-TSAM tikser il-libertà ta' intraprīża u d-dmir korrispondenti tan-newtralità ekonomika tal-Istati Membri, sa fejn din it-taxxa tista' toħloq distorsjonijiet tal-kompetizzjoni fil-qasam tal-kummerċ tal-ikel, b'mod partikolari, billi tiffavorixxi fiskalment l-impriżi li ma humiex suġġetti għaliha.

27 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-Tribunal Administrativo e Fiscal de Coimbra (qorti amministrattiva u fiskali ta' Coimbra, il-Portugall) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:

"1) L-Artikolu 27(10) tar-Regolament (KE) Nru 882/2004, tad-29 ta' April 2004, jew kwalunkwe dispożizzjoni oħra tad-dritt tal-Unjoni jew prinċipju ġenerali tal-Unjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja tqis li huma applikabbli, jista' jiġi interpretat fis-sens li tkun inkompatibbli magħhom dispożizzjoni nazzjonali li toħloq taxxa għall-finanzjament ta' kontrolli uffiċjali relatati mas-sigurtà tal-prodotti tal-ikel, li għandha titħallas biss minn proprjetarji ta' stabbilimenti ta' kummerċ bl-imnut tal-ikel jew prodotti varji, mingħajr ma din tikkorrispondi għal xi forma ta' kontroll uffiċjali speċifiku li għalih dawn il-persuni taxxabbli huma l-kawża jew il-benefiċjarji?

2) Ir-risposta tkun differenti fil-każ li, minflok taxxa, tinħoloq kontribuzzjoni finanzjarja favur entità pubblika, li jkollha titħallas mill-istess persuni, intiża sabiex jiġu ssodisfatti oneri bħall-kontroll ta' kwalità tal-ikel iżda bl-uniku għan li jiġi estiż għall-operaturi kollha tal-katina tal-ikel ir-responsabbiltà għall-finanzjament ta' dawn il-kontrolli?

3) L-eżenzjoni ta' ċerti operaturi ekonomiċi milli jsostnu taxxa fuq is-sigurtà tal-ikel li għandha titħallas biss minn ċerti stabbilimenti ta' kummerċ bl-imnut ta' ikel jew prodotti varji (b'mod speċifiku l-impriżi l-kbar ta' kummerċ ta' prodotti tal-ikel bl-imnut) u intiża sabiex tiffinanzja l-ispejjeż relatati mal-eżekuzzjoni tal-kontrolli uffiċjali fl-ambitu tas-sigurtà tal-ikel, tal-protezzjoni tal-annimali u tas-saħħa tal-annimali, tal-protezzjoni u tas-saħħa tal-pjanti, kienet tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern sa fejn toħloq distorsjoni jew tista' toħloq distorsjoni tal-kompetizzjoni, billi tiffavorixxi ċerti impriżi jew ċerti prodotti, skont

l-Artikolu 107(1) TFUE, jew minn tal-inqas, din l-eżenzjoni minn din it-taxxa ma tagħmilx parti sħiħa minn għajnuna mill-Istat li għandha tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni [Ewropea] skont l-Artikolu 108(3) TFUE?

4) Il-prinċipji tad-dritt tal-Unjoni, b'mod speċifiku dawk ta' ugwaljanza, ta' nondiskriminazzjoni, ta' kompetizzjoni (inkluża l-projbizzjoni ta' 'reverse discrimination') u ta' libertà ta' intrapriża jipprekludu dispożizzjoni nazzjonali li:
   a) timponi l-obbligu ta' ħlas tat-'Taxxa' biss fuq l-impriżi l-kbar ta' kummerċ ta' prodotti tal-ikel bl-imnut?
   b) teskludi mill-kamp ta' applikazzjoni tat-'Taxxa', l-istabbilimenti jew mikroimpriżi b'superfiċji ta' bejgħ ta' inqas minn 2 000 metri kwadri li ma humiex integrati fi grupp jew li ma jappartjenux għal impriża li joperaw taħt isem jew numru ta' ismijiet u li għandhom, fuq livell nazzjonali, superfiċji ta' bejgħ akkumulat ugwali jew ogħla minn 6 000 metri kwadri?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel u t-tieni domandi

28 Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-fatt li l-qorti tar-rinviju fformulat domanda billi għamlet riferiment biss għal ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni ma jipprekludix lill-Qorti tal-Ġustizzja milli tipprovdi lil din il-qorti l-elementi kollha ta' interpretazzjoni li jistgħu jkunu utli għad-deċiżjoni tal-kawża li hija adita biha, irrispettivament minn jekk hija għamlitx jew le riferiment għalihom fit-test tad-domandi tagħha. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tislet, mill-kumpless tal-elementi pprovduti mill-qorti nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, il-punti ta' dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża (ara, b'mod partikolari, is-sentenza tas-7 ta' Marzu 2017, X u X, C-638/16 PPU, EU:C:2017:173, punt 39 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

29 F'dawn iċ-ċirkustanzi, hemm lok li wieħed jifhem li, permezz tal-ewwel u tieni domandi tagħha, li għandhom jiġu trattati flimkien, il-qorti tar-rinviju titlob, essenzjalment, jekk l-Artikoli 26 u 27 tar-Regolament Nru 882/2004 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-impożizzjoni ta' taxxa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, biss fuq stabbilimenti ta' kummerċ bl-imnut tal-ikel, mingħajr li d-dħul ta' din it-taxxa jservi sabiex jiffinanzja speċifikament il-kontrolli uffiċjali li għalihom dawn il-persuni taxxabbli huma l-kawża jew il-benefiċjarji.

30 Skont l-Artikolu 3(3) tar-Regolament Nru 882/2004, dawn il-kontrolli uffiċjali huma mwettqa fi kwalunkwe stadju tal-produzzjoni, trasformazzjoni u d-distribuzzjoni tal-prodotti tal-ikel ikkonċernati. Dawn jinkludu għalhekk b'mod partikolari kontrolli ta' impriżi fil-qasam tal-ikel, meħtieġa sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-regolament.

31 Mill-premessi 11 u 32 tal-imsemmi regolament jirriżulta li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom ikollhom numru suffiċjenti ta' impjegati adegwatament kkwalifikati u ta' esperjenza li jkollhom faċilitajiet adegwati u tagħmir biex iwettqu korrettament id-dmirijiet tagħhom. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom ikollhom huma stess riżorsi finanzjarji adegwati għall-organizzazzjoni tal-kontrolli.

32 Għalhekk, skont l-Artikolu 26 ta' tar-Regolament Nru 882/2004, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li riżorsi finanzjarji adegwati jkunu disponibbli b'kull mezz ikkunsidrat xieraq, inkluż permezz ta' tassazzjoni ġenerali jew permezz tal-istabbiliment ta' tariffi u taxxi, sabiex jipprovdu l-persunal u r-riżorsi l-oħra neċessarji għall-kontrolli uffiċjali.

33 L-Artikolu 27 tal-imsemmi regolament jirrigwarda speċifikament it-tariffi u t-taxxi. Konformement mal-paragrafu 1 tiegħu, l-Istati Membri għandhom ikunu awtorizzati li jdaħħlu it-tariffi jew taxxi bl-uniku għan li "ikopru l-ispejjeż li jirriżultaw mill-kontrolli uffiċjali". Għalhekk, it-tariffi u t-taxxi previsti f'dan l-artikolu jistgħu jkunu intiżi biss sabiex ikopru l-ispejjeż li jirriżultaw tassew, għall-Istati Membri, għat-twettiq tal-kontrolli fl-impriżi fil-qasam tal-ikel (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Kødbranchens Fællesråd, C-112/15, EU:C:2016:185, punt 39).

34 Konformement mal-formulazzjoni tal-Artikolu 26 tar-Regolament Nru 882/2004, moqri fid-dawl tal-premessa 32 ta' dan ir-regolament, l-Istati Membri għandhom marġni ta' diskrezzjoni wiesgħa sabiex jiddisponi, b'mod partikolari fil-kuntest tal-fiskalità ġenerali tagħhom, mir-riżorsi finanzjarji adegwati sabiex jimpjegaw persunal u riżorsi oħra għall-kontrolli uffiċjali. Min-naħa l-oħra, dan il-marġni huwa permess mir-regoli armonizzati previsti fl-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004, meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jimponu tariffi jew taxxi msemmija f'dan l-artikolu fuq l-operaturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Marzu 2016, Kødbranchens Fællesråd, C-112/15, EU:C:2016:185, punti 31 u 32).

35 Fir-rigward tal-kwalifikazzjoni tat-TSAM skont l-Artikoli 26 u 27 tar-Regolament Nru 882/2004, jirriżulta mill-provi prodotti lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'riżerva għall-verifikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju, din it-taxxa ma ġietx stabbilita bħala tariffa jew taxxa fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-Artikolu 27 ta' dan ir-regolament, iżda taqa' taħt ir-riżorsi finanzjarji oħra disponibbli għall-Istati Membri skont l-Artikolu 26 tal-imsemmi regolament.

36 Fil-fatt, kif enfasizzat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet tagħha, l-avveniment li wassal għall-imsemmija taxxa huwa l-fatt li wieħed ikollu stabbiliment kummerċjali ta' ċerta superfiċji u mhux, kif kien l-avveniment li wassal għal tariffa jew taxxa fis-sens tal-Artikolu 27 tar-Regolament Nru 882/2004, fl-eżekuzzjoni tal-kontrolli uffiċjali li kellhom ikunu mwettqa speċifikament fl-istabbilimenti tal-kummerċ tal-ikel li huma l-persuni taxxabbli minn din it-taxxa.

37 F'dan ir-rigward, skont l-Artikolu 9 tad-Digriet-Liġi Nru 119/2012, it-TSAM hija "korrispettiv tal-garanzija tas-sigurtà u l-kwalità tal-ikel". Barra minn hekk, jirriżulta mill-provi pprovduti mill-qorti tar-rinviju li din it-taxxa għandha bħala għan li timponi fuq l-istabbilimenti kummerċjali tal-ikel l-ispejjeż ġenerali marbuta mal-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali, sa fejn dawn l-istabbilimenti jibbenefikaw mill-kontrolli mwettqa fil-bidu tal-katina tal-produzzjoni tal-ikel.

38 Barra minn hekk, il-prodott tat-TSAM huwa intiż sabiex jiffinanzja l-fondi tas-saħħa u s-sigurtà tal-prodotti tal-ikel "Mais", li jgħaqqad l-assjem tad-dħul intiżi sabiex jiffinanzjaw l-ispejjeż relatati mal-eżekuzzjoni tal-kontrolli uffiċjali fil-qasam tas-sigurtà tal-prodotti tal-ikel. Għalhekk ma teżisti l-ebda rabta diretta bejn din it-taxxa u l-ispejjeż li din tal-aħħar hija intiża li tkopri.

39 Fir-rigward tal-elementi preċedenti, ir-Regolament Nru 882/2004 ma jipprekludix li Stat Membru jistitwixxi, konformement mal-Artikolu 26 ta' dan ir-Regolament, taxxa, bħal ma hija t-TSAM, fejn il-prodott huwa intiż sabiex ikopri l-ispejjeż ġenerali marbuta mal-organizzazzjoni tal-kontrolli uffiċjali u mhux l-ispejjeż effettivament imwettqa minħabba kontrolli uffiċjali fejn l-istabbilimenti tal-kummerċ tal-ikel li huma l-persuni taxxabbli taħt din it-taxxa kienu s-suġġett tagħhom.

40 Tali konklużjoni ma hijiex ikkontestata bl-argument li bih l-operaturi fil-qasam tal-ikel ser ikunu suġġetti għal obbligi ta' awtokontroll skont ir-Regolament Nru 178/2002.

41 Fil-fatt, l-Artikolu 1(4) tar-Regolament Nru 882/2004 jipprevedi li t-twettiq ta' kontrolli uffiċjali skont dan ir-regolament għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja legali tal-operaturi fil-qasam tal-għalf għall-annimali u l-qasam tal-ikel sabiex jissorveljaw is-sigurtà tal-għalf għall-annimali u l-prodotti tal-ikel, konformement mar-Regolament Nru 178/2002, u tar-responsabbiltà ċivili jew kriminali li tirriżulta minn nuqqas ta' osservanza tal-obbligi ta' dan l-operatur.

42 Minn dan jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni qies li, flimkien mal-kontrolli li jirriżultaw mir-responsabbiltà tal-operaturi, il-kontrolli uffiċjali huma neċessarji sabiex jintlaħqu l-għanijiet tar-Regolament Nru 882/2004.

43 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, hemm lok li tingħata risposta għall-ewwel u tieni domandi, li l-Artikoli 26 u 27 tar-Regolament Nru 882/2004 għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux l-impożizzjoni ta' taxxa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, biss fuq stabbilimenti ta' kummerċ bl-imnut tal-ikel, mingħajr li d-dħul ta' din it-taxxa jservi sabiex jiffinanzja speċifikament il-kontrolli uffiċjali li tagħhom dawn il-persuni taxxabbli huma l-kawża jew il-benefiċjarji.

Fuq it-tielet u r-raba' domandi

44 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest tal-kooperazzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali stabbilita fl-Artikolu 267 TFUE, il-ħtieġa li tingħata interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tista' tintuża mill-qorti nazzjonali tagħmel neċessarju għaliha li tiddefinixxi l-kuntest fattwali u leġiżlattiv tad-domandi magħmula jew, tal-inqas, li tispjega ċ-ċirkustanzi fattwali li fuqhom huma bbażati dawk id-domandi. Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja biss għandha s-setgħa li tiddeċiedi fuq l-interpretazzjoni ta' test tal-Unjoni abbażi ta' fatti li jiġu indikati lilha mill-qorti nazzjonali (digriet tal-4 ta' Mejju 2017, Svobodová, C-653/16, mhux ippubblikat, EU:C:2017:371, punt 18 u l-ġurisprudenza ċċitata).

45 Dawn ir-rekwiżiti jirrigwardaw il-kontenut tat-talba għal deċiżjoni preliminari li tinsab b'mod espliċitu fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja li bih it-talbiet kollha għal deċiżjoni preliminari jkun fihom b'mod partikolari "espożizzjoni fil-qosor tas-suġġett tal-kawża kif ukoll il-fatti rilevanti, kif ġew ikkonstatati mill-qorti tar-rinviju jew, minn tal-inqas, espożizzjoni tal-informazzjoni fattwali li fuqha jkunu bbażati d-domandi" u "espożizzjoni tar-raġunijiet li wasslu lil qorti tar-rinviju sabiex ikollha dubji dwar l-interpretazzjoni jew il-validità ta' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll il-konnessjoni li hija tistabbilixxi bejn dawn id-dispożizzjonijiet u l-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-kawża prinċipali."

46 Fl-ewwel lok, permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 107(1) TFUE u l-Artikolu 108(3) TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ma jipprekludux taxxa, bħal ma hija t-TSAM, fejn l-istabbilimenti tal-kummerċ tal-ikel bl-imnut ta' superfiċji żgħira huma eżentati.

47 Anki jekk wieħed jippreżupponi li eżenzjoni mit-taxxa għal ċerti impriżi tikkostitwixxi miżura ta' għajnuna skont l-Artikolu 107(1) TFUE, l-illegalità possibbli ta' għajnuna ma hijiex ta' natura li taffettwa l-legalità tat-taxxa li dawn l-impriżi huma eżentati minnha. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-persuni taxxabbli ta' taxxa ma jistgħux jeċċepixxu li eżenzjoni li minnha jgawdu impriżi oħra tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat sabiex jevitaw il-ħlas ta' din it-taxxa (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-27 ta' Ottubru 2005, Distribution Casino France *et*, C-266/04 sa C-270/04, C-276/04 u C-321/04 sa C-325/04, EU:C:2005:657, punti 42 u 43 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

48 Barra minn hekk, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludi ebda indikazzjoni li minnha jkun jista' jiġi dedott li, minkejja l-impossibbiltà għal Superfoz li tapprofitta minn ksur possibbli tal-Artikoli 107 TFUE u 108(3) TFUE, ir-risposta għat-tielet domanda preliminari hija madankollu neċessarja għall-qorti tar-rinviju sabiex tiddeċiedi l-kawża quddiemha.

49 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ma jidhirx li t-tielet domanda hija relatata mas-suġġett tal-kawża prinċipali.

50 Fit-tieni lok, ir-raba' domanda tirrigwarda l-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' nondiskriminazzjoni, tal-kompetizzjoni libera u tal-libertà ta' intrapriża.

51 Issa, il-qorti tar-rinviju tillimita ruħha li tirrileva li wieħed jista' jiddubita l-konformità tat-TSAM ma' dawn il-prinċipji mingħajr ma tipprovdi r-raġunijiet li fuqhom qed tibbaża ruħha sabiex tqajjem dawn id-dubji. B'mod partikolari, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tipprovdi l-ebda element li jippermetti li tiġi evalwata l-paragunabbiltà tas-sitwazzjoni tal-operaturi li huma persuni taxxabbli tat-TSAM u dawk li huma eżentati minn din it-taxxa. Barra minn hekk, differenza fit-trattament possibbli tista' tkun iġġustifikata minħabba raġunijiet xierqa ammessi mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, iżda lanqas f'dan ir-rigward, id-deċiżjoni ta' rinviju ma fiha l-ebda informazzjoni. Għalhekk, għandu jiġi kkonstatat li d-deċiżjoni ta' rinviju ma tweġibx manifestament għar-rekwiżiti mfakkra fil-punt 45 ta' din is-sentenza.

52 Konsegwentement, it-tielet u r-raba' domandi huma inammissibbli.

Fuq l-ispejjeż

53 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikoli 26 u 27 tar-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kontrolli uffiċjali mwettqa biex tiġi żgurata l-verifikazzjoni tal-konformità mal-liġi tal-għalf u l-ikel, mas-saħħa tal-annimali u mar-regoli dwar il-welfare tal-annimali, kif emendat bir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Mejju 2014, għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma ma jipprekludux l-impożizzjoni ta' taxxa, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, biss fuq stabbilimenti ta' kummerċ bl-imnut tal-ikel, mingħajr li d-dħul ta' din it-taxxa jservi sabiex jiffinanzja speċifikament il-kontrolli uffiċjali li tagħhom dawn il-persuni taxxabbli huma l-kawża jew il-benefiċjarji.

Firem

i — Fl-introduzzjoni u fil-bidu ta' dan it-test saru modifiki ta' natura lingwistika, wara li d-dokument kien tqiegħed online għall-ewwel darba.